# Gradilja biex tassessja lilek

| | A1 | A2 | B1 | B2 | C1 | C2 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Fehim Smigħ | Għandi l-ħila nifhem kliem familjari dwari  nnifsi u dwar il-familja tiegħi u l-ambjent ta' madwari meta n-nies jitkellmu bil-mod u b'mod ċar. | Għandi l-ħila nifhem frażijiet u kliem li jintużaw l-aktar fl-ambjent ta' madwari (eż - informazzjoni fil-ħin liberu, eċċ. Għandi l-ħila nifhem il-punt ewlieni f'messaġġi u avviżi qosra u sempliċi. | Għandi l-ħila nifhem il-punti ewlenin tat-taħdit li jintuża ta' kuljum fil-post tax-xogħol, l-iskola, fil-ħin liberu, eċċ. Għandi l-ħila nifhem il-punt ewlieni ta' ħafna mill-programmi tar-radju u t-televixin, dwar ġrajjiet kurrenti jew temi ta' interess personali u professjonali meta l-kliem jingħad bil-mod u b'mod ċar. | Għandi l-ħila nifhem taħdit fit-tul u "lectures" li jiġu mogħtija, kif ukoll insegwi argumenti xi ftit ikkumplikati basta s-suġġett huwa familjari għalija.  Għandi l-ħila nifhem l-aħbarijiet ta' fuq it-televixin u programmi ta' ġrajjiet kurrenti.  Għandi l-ħila nifhem il-biċċa l-kbira tal-films li fihom jintuża l-Malti ta' kuljum. | Għandi l-ħila nifhem taħdit fit-tul anke meta ma jkunx imfassal sew u b'mod ċar. Għandi l-ħila nifhem programmi ta' fuq it-televixin kif ukoll films mingħajr taħbit. | M'għandi l-ebda diffikulta' biex nifhem kull tip ta' lingwa mitkellma, kemm b'mod dirett jew imxandra, anke meta tingħad bl-aktar mod naturali jew mgħaġġel.  Dejjem jekk ikolli ħin biżżejjed biex nidra l-aċċent tal-post. |
| Qari | Għandi l-ħila nifhem ismijiet familjari, kliem u sentenzi sempliċi ħafna, ngħidu aħna dawk li jkun hemm f'avviżi, "posters" u katalgi. | Għandi l-ħila naqra testi qosra ħafna u fl-istess ħin sempliċi. Għandi l-ħila nsib informazzjoni ovvja f'materjal ħafif u ta' kuljum li jkun hemm f'riklami, "prospectuses", "menus", u "timetables" u għandi l-ħila nifhem ittir personali qosra u ħfief. | Għandi l-ħila nifhem testi li jkollhom lingwaġġ li jintuża l-aktar kuljum jew fuq il-post tax-xogħol. Għandi l-ħila nifhem dak li jingħad dwar ġrajjiet, ħsus u xewqat f'ittri personali. | Għandi l-ħila naqra artikli u rapporti li jkollhom x'jaqsmu mal-problemi tal-ħajja ta' kuljum, u li fihom il-kittieba jagħtu l-fehmiet partikolari tagħhom. Għandi l-ħila nifhem il-kitba tal-proża letterarja ta' żmienna. | Għandi l-ħila nifhem kitbiet letterarji u fuq suġġetti tal-lum il-ġurnata, miktuba fit-tul u b'mod tqil.  Għandi l-ħila nifhem artikli speċjalizzati kif ukoll struzzjonijiet tekniċi fit-tul, anke meta ma jkollhomx x'jaqsmu ma' l-interessi tiegħi. | Għandi l-ħila naqra b'faċilita' kull forma ta' ligwa miktuba, bħal dik li nsibu f'kitbiet astratti u strutturalment jew ligwistikament kumplessi, bħalma huma l-manwali, artikli speċjalizzati u kitbiet letterarji. |
| Taħdit Interazzjoni bit-taħdit | Għandi l-ħila nifhem u nkompli ma' persuna oħra, basta din tkun lesta li tirrepeti jew tfisser ruħha b'mod ħafif u bil-mod biex jien inkun nista' nikkomunika magħha.  Għandi l-ħila nistaqsi u nwieġeb mistoqsijiet ħfief f'oqsma li ngħix fihom kuljum. | Għandi l-ħila nieħu sehem f'xogħolijiet ħfief u ta' kuljum fejn ikun meħtieg bdil ta' tagħrif fuq temi familjari u attivitajiet. Għandi l-ħila nieħu sehem f'tahdita qasira anke jekk ma nkunx kapaċi nkompli d-djalogu / il-konverżazzjoni. | Għandi l-ħila nkompli nitkellem f'postijiet fejn il-lingwa hi mitkellma.  Għandi l-ħila nitkellem fuq temi familjari, ta' interess personali jew li tiltaqa' magħhom kuljum, anke jekk ma nkunx ippreparat (eż: familja, passatempi, xogħol, vjaġġar u ġrajjiet kurrenti). | Għandi l-ħila nitkellem man-nies tal-post b'mod spontanju u b'Malti mexxej. Għandi l-ħila nieħu sehem attiv f'diskussjonijiet fuq suġġetti li nafhom, li fihom naf nargumenta u nsostni l-fehmiet tiegħi. | Għandi l-ħila nfisser lili nnifsi b'mod ċar u b'mod mexxej mingħajr ebda taħbit u mingħajr ma noqgħod infittex espressjonijiet. Għandi l-ħila nuża l-lingwa b'mod flessibbli u effettiv għal skopijiet soċjali u professjonali. Infassal ideat bi preċiżjoni u nista' ngħaqqad il-ħsibijiet tiegħi b'mod effettiv ma' dawk ta' kelliema oħra. | Għandi l-ħila niehu sehem bla ebda diffikulta' f'kull tip ta' konverżazzjoni jew diskussjoni, u għandi ħakma tajba ta' espressjonijiet idjomatiċi u mod ta' taħdit li jintuża kuljum. Infisser lili nnifsi b'mod ċar, u nfiehem, kliem li jista' jkollu ħafna possibbilitajiet ta' tifsir b'mod preċiż.  Jekk insib ruhi f'diffikulta' nista ndur madwar il-problema b'tant naturalezza li ħadd ma jinduna. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Produzzjoni Mitkellma | Għandi l-ħila nuża kliem ħafif u sentenzi biex nispjega fejn noqgħod u nitkellem dwar nies li naf. | Għandi l-ħila nuża sensiela ta’ kliem u sentenzi biex niddeskrivi fi kliem ħafif, familti u nies oħra, l-ambjent fejn noqgħod, l-isfond (ambjent) akkademiku (edukattiv) u x-xogħol tiegħi. | Għandi l-ħila ngħaqqad flimkien kliem ħafif biex niddeskrivi esperjenzi u ġrajjiet, il-ħolm, ix-xewqat u l-ambizzjonijiet tiegħi. Għandi l-ħila nagħti fil-qosor ir-raġunijiet u nfisser il-għala naħseb u nippjana b’dal-mod.<br>Għandi l-ħila nirrakonta storja jew ngħid fil-qosor il-ġrajja ta’ ktieb jew film u ngħid x’naħseb dwarhom. | Għandi l-ħila nippreżenta deskrizzjonijiet ċari u dettaljati fuq għadd kbir ta’ suġġetti li għandhom x’jaqsmu ma’ l-interessi tiegħi. Għandi l-ħila nfisser ħsibijiet fuq kwistjonijiet ta’ kuljum billi nagħti l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-possibilitajiet kollha li jista’ jkun hemm. | Għandi l-ħila nippreżenta deskrizzjonijiet ċari u dettaljati ta’ suġġetti tqal b’ħafna temi sekondarji, niżviluppa għadd ta’ punti partikolari u nagħlaq kollox b’mod addattat. | Għandi l-ħila nippreżenta argument jew xi deskrizzjoni mexxejja u ċara fi stil li jaqbel mal-kuntest, fi struttura loġika u effettiva li tgħin lil min qed jisma’ biex jiftakar u jinnota ċerti punti prinċipali. |
| Kitba | Għandi l-ħila nikteb kartolini qosra u ħfief, ngħidu aħna biex nibgħat tislijiet minn barra waqt li nkun btala. Għandi l-ħila nimla formoli b’tagħrif personali, ngħidu aħna nikteb ismi, in-nazzjonalita’ u l-indirizz fuq formola ta’ regisitrazzjoni f’lukanda. | Għandi l-ħila nikteb noti u messaġġi qosra u ħfief. Għandi l-ħila nikteb ittra qasira ħafna, eżempju biex niżżi ħajr lil xi ħadd għal xi ħaġa. | Għandi l-ħila nikteb test sħiħ fuq tema familjari jew ta’ interess personali. Għandi l-ħila nikteb ittri li fihom insemmi esperjenzi u ħsibijiet. | Għandi l-ħila nikteb b’mod ċar u dettaljat fuq firxa kbira ta’ suġġetti li jinteressawni. Għandi l-ħila nikteb esej jew rapport, fejn nagħti informazzjoni jew raġunijiet favur jew kontra fehma partikolari. Għandi l-ħila nikteb ittri u nagħmel enfażi fuq it-tifsira personali ta’ ċertu ħwejjeg u esperjenzi. | Għandi l-ħila nfisser lili nnifsi b’kitba ċara u mqassma sew, u nesprimi ruħi fit-tul. Nikteb suġġetti aktar tqal f’forma ta’ ittra, esej jew rapport, u nenfasiżża dawk li jiena nqis li huma l-aktar temi importanti. Nagħżel stil li jaqbel għall-qarrej li għandi f’moħħi. | Għandi l-ħhila nikteb b’mod ċar u mexxej, bi stil xieraq. Nikteb ittri, rapporti jew artikli ta’ ċerta kumplessita’ li jsostnu punt jew ħsieb fi struttura loġika u effettiva u li tgħin lill-qarrej biex jinnota u jiftakar il-punti l-aktar importanti. Nikteb taqsiriet u “reviews” ta’ xogħolijiet letterarji jew professjonali. |

**This extract is included in Lingu@net Europa by kind permission of the Council of Europe.**
**Copyright © exclusively Council of Europe**

**Dan it-test qed jinġieb fil-Lingu@net Europa bil-permess tal-Kunsill ta’ l-Ewropa.**
**Il-Jeddijiet © kollha miżmuma mill-Kunsill ta’ l-Ewropa.**